MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Numru 1140/2005

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)

vs

Jesmond Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 415263(M) akkuzat talli:

1. nhar il-15 ta' Dicembru elfejn u hamsa (2005) ghall-habta tal-5:00p.m fil-Marsa hebb ghall-martu Sarah Jane Micallef u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Mark Camilleri M. D ta' l-Isptar San Luqa;

2. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

3. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Sarah Jane Micallef sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

4. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Sarah Jane Micallef u torbot lill-imsemmi Jesmond Micallef b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Xhed it-tabib li stqarr li l-ferita konsistenti f'qasma f'xoftejn il-parti leza kienet tirrikjedi l-amministrazzjoni ta' xi zewg punti u wara li kkonstata 'de vizu' stqarr illi jezisti l-isfregju ghalkemm f'entita' minima. Dwar dan l-incident hemm bizzejjed provi li jindikaw li l-imputat agredixxa lil-martu u ikkagunalha l-feriti fuq imsemmija.

Issa l-imputat fl-udjenza tal-lum irregistra ammisjoni volontarja u inkondizjonata li fiha baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammisjoni u l-provi l-Qorti qeghda issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 216 wkoll is-subinciz (2), 338(dd), 339(b), 338(bb), 343 u tiddeciedi kif isegwi:

– Tilliberah taht l-Kap 446 artikolu 22 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sena mil-lum.

– Tapplika l-artikolu 383 et seq tal-Kap. 9 u tpoggih taht garanzija ghal sena mil-lum taht penali ta' €233 biex ma jkellimx u/jew jimmolesta lil-martu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------